**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 673/2015

Numru fuq il-Lista: 10

**Mallia Doris K.I. 502965(M)**

**vs.**

**Mallia Felix K.I. 512162(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 t'Awwissu 2015, illi permezz tiegħu l-attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550.00) lilha dovuta skond ftehim milħuq f'Settembru 2014, bil-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) mill-ewwel tax-xahar u dana mill-1 t'Ottubru 2014 sal-1 t'Awwissu 2015;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550.00), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 t'Awwissu 2015, li hija d-data tal-preżentata tal- Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali relattiva fl-ismijiet premessi u tal-mandat kawtelatorju relattiv fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

Av. Nadia H.Vella
Ġudikatur